MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 284/2006/1

Burmarrad Commercials Limited

vs

George Borg Limited

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta’ George Borg Limited fejn ippremettiet illi s-socjeta’ rikorrenti kienet giet notifikata b’Avviz numru 284/2006, fejn is-socjeta’ Burmarrad Commercials Limited talbet is-somma ta’ tlett elef u disa’ Euro (€3,009), somma dovuta kif spjegata fl-istess Avviz.

Illi fir-risposta taghha s-socjeta’ rikorrenti kkontestat it-talba kif ahjar spjegat fir-risposta relativa.

Illi fil-mori tal-kawza 284/2006, wara li s-socjeta’ Burmarrad Commercials Limited naqset li tippresenta provi f’diversi seduti f’din il-kawza, il-kawza giet differita Sine Die.

Illi fuq talba ta’ Burmarrad Commercials Limited, il-kawza regghet giet appuntata, izda s-socjeta’ rikorrenti George Borg Limited qatt ma giet notifikata bid-digriet ta’ ri-appuntament tal-kawza. Illi fil-fatt lanqas hargu n-notifiki bid-digriet ta’ ri-appuntament tal-kawza.

Illi l-kawza b’xi mod regghet dehret fuq il-lista u wara diversi differimenti inghatat sentenza ibbazata wkoll fuq il-fatt li s-socjeta’ rikorrenti naqset li tipproduci xi hadd biex jippresta l-gurament kif rikjest mill-ligi u ma pproduciet ebda provi.

Illi s-socjeta’ rikorrenti ma setghetx tipproduci provi ghaliex ma kinitx notifikata kif trid il-Ligi. Illi wara r-ri-appuntament tal-kawza, is-socjeta’ rikorrenti qatt ma dehret fil-kawza ghaliex ma kinitx taf li l-kawza regghet giet appuntata.

Illi ghalhekk hemm lok ta’ ritrattazzjoni ai termini tal-Artikolu 811 (b) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi s-socjeta’ rikorrenti ma kinitx notifikata u ma dehritx fil-kawza wara r-ri-appuntament.

Illi hemm lok ta’ ritrattazzjoni ukoll ai termini tal-Artikolu 811 (1) tal-istess Kodici Kap. 12 ghaliex is-sentenza hija effett ta’ zball li jirrizulta mid-dokumenti u procedura tal-kawza billi d-decizjoni kienet ibbazata fuq is-supposizzjoni li s-socjeta’ George Borg Limited kienet debitament notifikata meta fil-fatt qatt ma kien hemm notifika jew tentattiv ta’ notifika tar-ri-appuntament tal-kawza. Dan il-fatt ma kienx punt ikkontestat illi gie deciz bis-sentenza.

Illi s-socjeta’ rikorrenti saret taf bis-sentenza biss wara li din dehret fuq il-*website* ta’ *Credit Info* Lulju, 2008.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett li dan it-Tribunal:-

1. Jiddikjara s-sentenza fuq imsemmija inghatat meta s-socjeta’ rikorrenti ma kinitx notifikata bl-Avviz ta’ ri-

appuntament tal-kawza u ghalhekk hemm lok ta' ritrattazzjoni ai termini tal-Artikoli 811 (b) u 811 (l) tal-Kodici ta' Organizazzjonii u Procedura Civili;
2. Thassar u tannulla s-sentenza datata 2 ta' Gunju, 2008 fl-ismijiet Burmarrad Commercials Limited vs George Borg Limited (talba numru 284/2006).
3. Jordna r-ri-trattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Burmarrad Commercials Limited vs George Borg Limited.
Bl-ispejjes kontra s-socjeta' Burmarrad Commercials Limited u b'rizerva ghal azzjoni ta' danni.

<u>Ikkunsidra</u>

It-Tribunal gie pprezentat b'kawza ta' ri-trattazzjoni minn decizjoni tieghu tat-2 ta' Gunju, 2008.

Huwa minnu li l-intimat ma pprezenta l-ebda risposta, pero' dak li jehtieg li jaghmel dan it-Tribunal huwa li jezamina u jiddeciedi jekk it-Tribunal huwiex kompetenti sabiex jaghti decizjoni fuq kawza ta' ri-trattazzjoni u jekk ai finijiet tal-Artikolu 2 u 3 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma jikkwalifikax bhala "Qorti".

It-Tribunal jirrikonoxxi li din il-kwistjoni u n-natura tal-kaz mhix wahda ta' facli spedizzjoni u soluzzjoni. Minn naha hemm Tribunal li gie mwaqqaf sabiex ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss talbiet kollha ta' flus u dana ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap. 380, u da parti l-ohra irid jigi stabbilit jekk id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Procedura, partikolarment id-disposizzjonijiet ta' ritrattazzjoni japplikawx quddiem dan it-Tribunal.

Din il-materja giet ikkunsidrata fid-dettal fis-sentenza 'DENNIS MIFSUD VS ALBERT DEGIORGIO' (App. 11 ta' Frar, 2004) u dan it-Tribunal mhux ser izid fuq dak li gie enuncjat.

F'din is-sentenza, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell irriteniet li meta l-legislatur waqqaf l-Ligi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma kellhiex f'mohha li hafna mid-disposizjonijiet tal-Kodici ta' Proceduri jigu japplikaw ghal dan it-Tribunal u

dan tenut kont ukoll tal-fatt, li t-Tribunal huwa ppresedut minn "Gudikatur" li m'ghandux is-setghat ta' Magistrat jew Imhallef, kif ghandhom Bordijiet ohra. Anke l-istess dritt ta' appell huwa limitat hafna.

Dan it-Tribunal jissimpatizza mal-posizzjoni tas-socjeta' rikorrenti li fic-cirkostanzi dan kien logikament ir-rimedju biex jigu retifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikati biex b'hekk tigi evitata "*miscarriage of justice*" u per konsegwenza jkun hemm ssir gustizzja bejn il-partijiet.

It-Tribunal jiccita mis-sentenza fuq imsemmija u jaghlaq biha ghaliex sfortunatment ma hemmx xejn aktar x'jinghad ma' dak li diga' iddecidiet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u kwalsiasi kliem iehor ikun ripetizzjoni inutili:-

***"Ikollu jinghad pero' illi, elokwenti kemm huma elokwenti, dawn l-opinjonijiet u veduti ma jservux biex tirrizolvi l-"vexata quaestio". Dan ghaliex fil-kaz in disamina l-legislatur ma hasibx ukoll ghall-provvediment tad-dritt tar-ritrattazzjoni quddiem it-Tribunal. Li jfisser illi kieku din il-Qorti kellha tammetti dan id-dritt tkun qed tinoltra ruhha f'kamp li "di diritto" mhux rizervat lilha. L-invokazzjoni ghall-principju ta' ekwita' ma ggibx daqshekk illi r-ritrattazzjoni hi permissibbli anke fejn dan mhux konsentit jew akkordat skond il-volonta' tal-Ligi."***

Fl-ahhar, pero', it-Tribunal jirrileva illi dan ma jfissirx li r-rikorrenti m'ghandux rimedji, ghaliex l-Qrati ordinarji jibqghalhom il-gurisdizzjoni li jissindikaw l-operat ta' dak it-Tribunal u dan meta jkun jezisti kaz ta' vjolazzjoni ta' wiehed mill-principji ta' gustizzja naturali.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jichad it-talbiet attrici.

Fic-cirkostanzi partikolari, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------